# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 8/2021

18 ta' Awwissu, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-4:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

8.0 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi-Sindku s-Sur Francis Callus fejn għarraf lill-Kunsill li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba li minn naħa tax-xogħol tiegħu ma kienx qed jingħata biżżejjed ħin biex jattendi għal laqgħa u jlaħħaq jasal fil-ħin għax xogħol.

8.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.1.1 Is-Sindku spjega li ref punt 7.1.2 (niċeċ fi Triq San Pawl). Huwa qal li fil-fatt kien hemm żewġ niċeċ oħra f'din l-istess triq. Is-Sindku spjega li kien irnexxielu jsib min kienu s-sidien u wara li kien għamel kuntatt magħhom kien għadda d-dettalji lil Perit sabiex ir-restawr għal dawn in-niċeċ ikun jista' jsir ukoll.

8.1.2 Is-Sindku qal li ref punti 7.1.3 u 7.1.4 (slow streets u  proposta Triq San Ġorġ) kien ser jagħti update il-kunsillier Mark Cocker aktar tard fil-laqgħa.

8.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 7.1.6 (approvazzjoni sleeping police service road Triq il-Kuċċard) peress li triq il-Kuċċard kienet ġiet distributorja il-MELP kienu ser jibdew jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tas-soft areas.

8.1.4 Il-Kunsillier Joanna Abdilla qalet li ref punt 7.2.1 (isem ta' Sqaq Ħannux) is-sidien fi sqaq Ħannux ma kinux qed isibu oġġezzjoni li teħel it-tabella mal-ħajt tad-dar tagħhom.

8.1.5 Is-Sindku spjega li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal laqgħa mad-Direttur tal-Planning Authority sabiex il-Kunsill ikollu idea jekk joħorġux permess li jsir l-parkeġġ taħt l-art. Is-Sindku spjega li minn naħa tal-Planning Authority ma kienx jidher li ser ikun hemm problemi bil-patt li l-Kunsill ikollu l-Clearance minn naħa tal-Lands u li jibqa' spazju miftuħ. Il-punt li l-Kunsill jissieħeb ma kumpanija privata tista' ssir bil-kundizzjoni li l-applikant dejjem jibqa' l-Kunsill Lokali.

8.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 7.3.4 (yellow line quddiem garaxxTriq San Pawl) kien intlaħaq ftehim.

8.1.7 Is-Sindku spjega li ref punt 7.2.9 (permessi uzu tal-imwejjed u siġġijiet) din kienet għadha *in force* u ta spjegazzjoni x'wieħed għandu jagħmel sabiex jikseb il-permessi neċessarji għal attivitajiet. Huwa qal ukoll li riċentament kienet qed tingħata *concession* anki lil Każini rigward il-permess għal imwejjed u siġġijiet.

8.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-mera għall-ref punt 7.3.18 (triq tal-Ajzar) kinitx ordnata. Is-Sindku kkonfermata li kienet saret l-ordni u hekk kif jasal ix-xogħol kellha teħel.

8.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-isfel mill-Ġnien ta' Ball l-isfel minn niċċa kien hemm mera maqlugħa.

8.1.10 Il-Kunsill iddiskuta l-kuntratt tal-knis li l-Kunsill kien ħareġ u l-problemi li kien hawn fil-lokal rigward is-servizz tal-knis.

**8.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.2.1 Is-Sindku qal li xtaq jagħti update tal-Proġett tar-Roundabout ta Triq il-Karwija. Huwa spjega li l-arblu li kien hemm fir-roundabout kien inqala' u ssuġerixxa li hekk kif kien maqlugħ kienet tagħmel sens li nqabbdu l-ħaddiema tal-Kunsill iduruh. Is-Sindku qal li kien qed jiprova jikkordina sabiex l-arblu jinġieb fil-garaxx tal-Kunsill sabiex jinżebagħ. Huwa għarraf lill-kunsill li x-xogħolijiet kienu ser jibdew imminmentament.

8.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jibbenfika mill-fondi għall-Slow Streets. Huwa qal li sfortunatament kien hemm l-interpretazzjoni li minħabba dan il-proġett kienet ser tingħalaq il-pjazza. Is-Sindku qal li l-kunsill kien qiegħed jaħdem sabiex jitnaqqas it-traffiku in-transitu u qatt ma kienet deċiża li tingħalaq il-pjazza. Il-Kunsill iddiskuta t-trasport pubbliku u qabel li l-aħjar din tiġi diskussa waqt il-laqgħat tas-sotto kumitat.

8.2.3 Is-Sindku qal li l-perit kien lesta s-survey tal-pjazza għal proġett Slow Streets. Huwa qal li mill-aħħar laqgħa li kellna mal-perit kien hemm suġġeriment li l-ideal nagħmlu survey tal-pjazza kollha. Is-Sindku qal li dan is-survey ikun ideali minħabba xi scarifying li jista' jkollna bzonn. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan is-survey.

8.2.4 Is-Sindku qal li kien irċieva talba mingħand persuna li toqgħod fis-service road ta' Triq il-Kuċċard sabiex issir mera biex inaqqas il-periklu huwa u ħiereġ mill-garaxx peress li l-garaxx kien skuntrat. Il-kunsill iddiskuta u qabel li għandha teħel mera.

8.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk hux ħa nagħmlu bankijiet u doggy bins fi Triq il-Kuċċard. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nixtru żewġ bankijiet u żewġ doggy bins sabiex jeħlu fi Triq il-Kuċċard.

8.2.6 Is-Sindu qal li kien irċieva suġġeriment ukoll sabiex jiġi nstallat doggy bin fi Triq il-Ħajt Ruman kantuniera ma Triq il-Fenici. Il-Kunsill ukoll qabel li għandu jeħel bin f'din il-triq.

8.2.7 Is-Sindku qal li xtaq iressaq talba sabiex jinxtara web cam għal mal-kompjuter tiegħu sabiex ikun jista' jattendi l-laqgħa online. Il-Kunsill qabel.

8.2.8 Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill kien diġa' iddiskuta l-festa tar-raħal, l-għada kien ser jattendi għal laqgħa mal-ispettur fejn kien ser jistaqsi jekk kienx ser ikun hemm xi tibdil fir-regolament rigward il-festi.

8.2.9 Is-Sindku qal li fi Triq San Pawl kien seħħ inċident fejn anki kellhom jintervjenu l-pulizija. Huwa spjega li persuna f'din it-triq kien qed tipparkja l-karozza fuq l-stop sign u jħalliha għal tul ta' żmien bil-konsegwenza li anki kien qed jagħlaq l-entratura tad-dar. Is-Sindku spjega li l-pulizija kienu ħarġu ċitazzjoni għaliex l-karozza kienet ipparkjata fuq STOP SIGN. Is-Sindku spjega li din il-persuna kienet qed titlob lill-Kunsill sabiex isir yellow line. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal issa naraw kif kienet ser tiżvolġi s-sitwazzjoni imbagħad naraw.

8.2.10 Is-Sindku spjega d-direttiva li l-Kunsilli kienu rċievew komunikazzjoni rigward xi tibdiliet minn naħa tat-Transport Malta u kif il-Kunsill kellu jagħti update lill-Transport Malta b'xi tibdiliet li jkun għamel il-Kunsill fejn jidħlu s-sinjali.

8.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla fakkret lill-Kunsill li ser ikun hawn il-Blood Donation Unit nhar il-Ħadd 26 ta' Settembru, 2021.

8.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk l-sleeping police fejn il-Każin kinitx ser terġa' teħel. Is-Sindku kkonferma li kienet ser terġa' ssir.

8.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward l-attivitajiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li diffiċli li bħal issa jsiru ċertu attivitajiet.

8.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li xtaq li jagħti update tas-Sotto Kumitat. Huwa qal li l-ewwel xtaq jgħid li minħabba l-garaxx li hemm skuntrat fl-aktar parti dejqa ta' Triq Ġorġ kien jinħtieġ li l-one way tiġi kontra jiġifieri tiġi direzzjoni l-isfel mill-pjazza. Il-Kunsillier is-Sur mark Cocker issuġerixxa sabiex issir laqgħa tal-Kunsill spesifikament fuq *Slow Streets* wara li jagħlaq is-sotto kumitat. Il-Kunsill qabel.

8.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ta' update sħiħa ta' kif kienu qed jissuġerixxu li jsiru t-tibdiliet/xogħolijiet fil-pjazza.

8.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kinitx tranġat il-gate tal-bandli. Is-Sindku kkonferma li kien irranġa wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-ġnien li hemm fi Triq ta' Rqajja fejn kien ħawwel l-fjuri issa kienu nżergħu ukoll is-siġar taż-żebbuġ bir-riżultat li ma baqax sabiħ.

8.3.8 Is-Sindku qal li xtaq iżid li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni minn naħa ta' Transport Malta rigward ir-razzett li hemm l-isfel miċ-ċimiterju.

8.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-pelikan lights maż-żebra crossing fi Triq il-Kuċċard kienux ser isiru. Is-Sindku kkonferma li suppost kellhom isiru pero' għad ma kellux konferma meta.

8.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio qal li l-belisha lights li kien hemm maz-zebra crossing fi Triq San Pawl ġew żejda issa li ma kinitx reġgħet saret iż-żebra crossing wara li kien sar it-tarmak.

8.3.11 Il-kunsillier is-sur Publio Abdilla qal li waqt laqgħa mal-ispettur kienet wegħdet li ser tiċċekja rigward il-footage minħabba serqa li saret f'Ħal Safi. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li kien jinħtieġ li ssir ronda kontinwa mal-bandli. Is-Sindku ta' rendikont tal-vandaliżmu li kien sar fl-aħħar ġranet qabel il-laqgħa.
Is-Sindku staqsa lill-kunsilliera sabiex jekk iħossu li hemm xi punti li kienu jixtieq jressqu quddiem l-ispettur kellhom jagħmlu dan għaliex l-għada l-Kunsill kien ser ikollu laqgħa mal-ispettur.

8.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li issa li konna applikajna għal skrivan taħt l-iskema tas-CIES kien jinħtieġ li l-Kunsill jinvesti f'kompjuter ġdid. Il-Kunsill approva x-xiri ta' kompjuter ġdid.

8.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien xtara l-għamara u s-siġġijiet għal-librerija skond l-iskema tal-librerija 2019.

**8.4 Korrezzjoni tal-Minuti dwar in-Nomina tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li  kien jinħtieg li ssir korrezzjoni ta' punt 6.5 Ħatra Deputat Segretarju Eżekuttiv waqt il-laqgħa numru 6/2021 ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju, 2021 għandha tiġi 6.5 Nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**8.5 Rapporti**

Approvazzjoni tat-Tieni Kwart tal-Financial Report 2021 (Jannar – Ġunju)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet t-tieni kwart tal-Quarterly Financial Statements Q2 (Jannar – Ġunju, 2020. Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

**8.6 Korrispondenza**

8.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv daħħlet korrispondenza mibgħuta minn persuna fi Triq San Pawl sabiex isiru yellow lines quddiem garaxx f'din it-triq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nibagħtu lil Transport Malta b'din it-talba.

8.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment li peress li t-toroq li jagħtu għal B'Buġia kienu qiegħdin jintużaw ħafna għal żmien temporanju jsiru One Way kontra xulxin. Il-Kunsill iddiskuta pero' ma kienx hemm qbil minħabba l-bdiewa.

**8.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**8.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgħa ntemmet fis-8.25pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 28 ta' Settembru, 2021 fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |